**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 12 ta' Marzu, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**-vs-**

**Jason (Jason Joseph) Galea, detentur tal-Karta tal-Identita` 428974M**

*Kumpilazzjoni Nru. 345/2017*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jason (Jason Joseph) Galea u ċioè talli:

B'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizuluzzjoni wahda u cioe':-

1. Fil-lejl ta' bejn it-3 ta' Gunju, 2017, u l-4 ta' Gunju, 2017, minn gewwa 'Marsamxetto Kiosk Store' li jinsab fi Triq il-Lanca, Valletta, ikkommetta serq ta' xorb alkoholiku u oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn l-elfejn tlett mija u disgha u ghpxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin ghad-dannu ta' Rose Gatt u Dishial

Scicluna u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fil-lejl ta' bejn il-5 ta' Awwissu, 2017 u s-6 ta' Awwissu, 2017, minn Triq San Federiku, Valletta, ikkommetta serq ta' zewg umbrellel tax-xemx ghad-detriment ta' Johann Spiteri u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha w disghin cenetzmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fil-lejl ta' bejn il-15 ta' Awwissu, 2017, u s-16 ta' Awwissu, 2017, minn Triq San Federiku, Valletta, ikkommetta serq ta' umbrella tax-xemx ghad-detriment ta' Johann Spiteri u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa aggravat bil-hin u dan bi ksur tal-Artikolu 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kif ukoll talli fil-lejl ta' bejn is-17 ta' Awwissu, 2017 u t-18 ta' Awwissu, 2017, minn Triq il-Merkanti, Valletta, ikkommetta serq ta' umbrella tax-xemx ghad-detriment ta' Joseph Mary Bonello Bianco u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa aggravat bil-hin u dan bi ksur tal-Artikolu 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt tallum, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti

tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-ammissjoni tieghu, il-fatt li l-imputat qed jigi xprunat iwettaq reati biex jiffinanzja l-vizzju tad-droga, u tac-cirkostanzi l-ohra kollha, inkluz tal-fedina penali li mhix wahda li tohloq preokkupazzjoni ghall-qorti. Aktar milli tigi imposta piena karcerarja l-Qorti thoss li l-imputat ghandu jinghata opportunita` ahharija li bl-ghajnuna jeghleb il-vizzju tieghu, u ghalhekk, tqis li b'supervizzjoni stretta kif ukoll b' ordni ta' trattament li jindirizza l-problemi tieghu, l-imputat ghadu bic-cans li jiddritta l-moghdijiet tieghu w jirriforma ruhu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett snin millum.

Inoltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tpoggi lill-hati taht ordni ta' supervizjoni ghal tlett snin u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment a tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni jew jekk jikser l-ordni ta' trattament fuqu imposti.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**